**PARROCCA SANTA MARGERITA V.M.,SANNAT**
**Tel/Fax: 21551435 . Email: sannatparish@ keyworld.net**
**Website : www.sannatparish.com**

**IL-ĦADD, 23.09.07: Il-25 Ħadd matul is-Sena.**
**IS-SIBT, 29.09.07:** Festa ta' l-Arkanġli, Mikiel, Gabriel u Rafel.
Fil-5.15p.m. Sarah Ann Pisani u Ivan Schembri se jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom.
Nifirħulhom u Nawgurawlhom.
Fis-7.00p.m. Daniela Buttigieg u Kurt Farrugia, se jiċċelebraw iż-żwieġ tagħhom.
Nifirħulhom u Nawgurawlhom.
**IL-ĦADD, 30.09.07:** Is-Sitta u Għoxrin Ħadd matulis-sena.

## WARA IL-GIMGHA TA' SPIRITWALITA

Għadna kemm temmejna l-Ġimgħa ta' Spiritwalita' li permezz tagħha nagħtu bidu għas-Sena tal-Pastorali fil-parroċċa tagħna.
Wara li nrodd hajr lil Alla ghal dak kollu li tana matul din il-ġimgħa u li nittamaw li joħroġ ħafna frott minn dak li smajna, inħoss li għandi nuri l-apprezzament tiegħi kemm għall-attendenza u anke għall-organizzazzjoni li kellna fiha.
Għahekk mill-qalb nixtieq ngħid grazzi lil dawk l-persuni kollha li b'xi mod jew ieħor taw s-sehem tagħhom biex din il-ġimgħa tkun organizzata tajjeb.
Nirringrazzja wkoll lill-kelliema li kellna għax verament tawna ħsibijiet ta' interess kbir marbutin mas-suġġett li kellhom assenjat..
Grazzi speċjali tmur lis-Superjur Leli Attard talli kien strumentali fil-kollaborazzjoni tiegħu għall-organizzazzjoni ta' din l-attivita'.
Din l-attivita' hija l-bidu tal-Pjan Pastorali għall-parroċċa tagħna għas-sena 2007/2008. Nittama li matul din is-sena li ġejja nkomplu nikkoperaw f'kull attivita' jew celebrazzjoni li jkollna bħala komunita' parrokkjali.

# MONS PAWL CARDONA ARCIPRIET

## TAL- PARROCCA BAZILIKA u KOLLEĠJATA TA' SAN GORG, VICTORIA.

Nifirħu lil Dun Pawl Cardona, li nhar it-Tnejn, 17 ta' Settembru, ġie nominat mill-E.T. Mons. Mario Grech, bħala Arċipriet tal-Parroċċa Bażilika u Kolleġġjata ta' San Ġorġ Martri, fir-Rabat Għawdex.
Dun Pawl ġie ordnat saċerdot 30 sena ilu u wara l-ordinazzjoni huwa mar fid-Djoċesi ta' Tivoli l-Italja fejn gie maħtur kappillan tal-parroċċa ta' San Filippu Neri f'Colle Fiorito, di Guidonia
Fis-sena 1989 il-Kardinal Ugo Poletti ħatru bħala kappillan tal-parroċċa ta' San Liborio ġewwa Ruma. Hemmhekk huwa bena knisja u kompless kbir għall-attivitajiet pastorali tal-parroċċa.
Bejn is-sena 1995 u 2006 huwa kien elett Superjur Generali tal-Istitut Sekolari Saċerdotali Apostolici Sodales. Huwa kien l-ewwel suċċessur tal-Fundatur is-Serv t'Alla Mons. Guglielmo Giaquinta. Kien ukoll l-Assistant Ekklesjastiku Nazzjonali tal-Moviment Pro Sanctitate u kien jagħti korsijiet ta' Ezercizzi kemm f'diversi postijiet f'Italja u anke anke f'pajjiżi oħra fejn hemm dan il-Moviment.
Bħala iben il-parroċċa tagħna f'ismi u f'isem il-Komunita' kollha nifraħlu u nawguralu kull suċċess fil-hidma pastorali ġdida li ġiet afdata lilu u nitolbu għalih biex imexxi din il-merħla fuq l-eżempju tar-Ragħaj it-Tajjeb.

**QUDDIESA tas-7.30a.m.**
Minn nhar it-Tnejn, il-quddiesa tas-7.30a.m. tibda tkun fit-7.45a.m.